MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Numru 922/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**EMANUEL MIFSUD**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Emanuel Mifsud ta' 52 sena bin Consiglio u l-mejta Georgina nee Sammut imwieled Zejtun fit-12 ta' Gunju 1953 u residenti 2, Joseph Triq San Alfonsu Zejtun detentur tal-karta ta' l-identita nru 439153(M) gie akkuzat:

Talli matul ix-xhur ta’ Jannar, Frar u Marzu 2004 gewwa z-Zejtun ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe vettura ta’ l-ghamla Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni AAN-882 a detriment ta’ Sergio Dimech miz-Zejtun, liema hsara tammonta ghal izjed minn Hamsin Lira Maltin (LM50) izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500) ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat iddikjara li m’ghandux htiega li jkun assistit minn avukat, li l-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u li l-imputat ikkonferma li m’ghandux htiega li jkun assistit minn avukat.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok NL3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Sergio Dimech iddikjara li l-imputat hallsu l-ammont kollu dovut rigwardanti l-hsarat li jirrigwardaw din il-kawza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju

bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Sergio Dimech iddikjara li l-imputat hallsu l-ammont kollu dovut rigwardanti l-hsarat li jirrigwardaw din il-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Emanuel Mifsud taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------